GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 6 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru 2009, fil-5.00 pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji – (a) Petty Cash Settembru 2009; (b) Skeda tal-Ħlas Settembru 2009;
5. Toroq;
6. Centru ghall-Anzjani;
7. Hal-Dmikki Housing Estate;
8. Tenders;
9. Progett tankijiet taz-Zejt;
10. Suġġerimenti mill-Kunsillieri.

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta precedenti Nru 5 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

1. Dwar il-kwotazzjoni li talab il-Kunsill biex tigi mnehhija sigra li tinsab fi Triq il-Miksur kantuniera ma' Dawret Hal Ghaxaq, il-Kunsill ircieva kwotazzjoni ohra. Din kienet minghand Carmel Galea u l-ammont hu dak ta' €985 VAT inkluza.
   Is Segretarju qalet li kkuntatjat kemm id-Dipartiment ta' l-Agrikultura kif ukoll l-ELC u dawn wiegbu li ma joffrux dan is-servizz.

2. Is-Sur Abdilla qal li mill-kwotazzjonijiet li rcieva il-Kunsill l-opinjoni li kiseb minghand persuni li huma midhla ta' l-ispecifikazzjonijiet tal-kompjuters , l-ahjar huma dawk li rcevejna minghand li SCAN. Ghaldaqstant il-Kunsill iddecieda li l-kompjuters jinxtraw minghand li SCAN.

3. Dwar it-talba ghal-applikazzjonijiet ghal part-time clerk, is-Segretarju qalet li kitbet kemm lid-Direttur tad-Dipartiment ghal Gvern Lokali kif ukoll l-ETC. Minn naha tad-Dipartiment ma rcevejna xejn izda is-Sinjura Carmen Zahra mill-ETC infurmatna li la ser nergghu nohorgu l-avviz bhala part-time clerk, irridu nibdew il-procedura mil-bidu l-ewwel naraw hemmx xi hadd li jixtieq japplika minn Kunsill iehor u wara navzaw l-ETC halli jibghatu in-nies huma ghal-intervisti ta' part-time clerk.

   Fil- 5 ta' Settembru u fid-19 ta' Settembru saru l-laqghat ghall-Kunsillieri. F'dawn il-laqghat is-Sindku qal li nghata taghrif fuq l-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali, kif ukoll sejha ghal min irid johrog ghal elezzjoni. Gie spjegat ukoll kif ghandna nittrattaw iz-zaghzagh u kif niehdu hsieb l-ambjent.

**3.1 Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:-**

1. E-mail mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-Tender Ġbir ta' Skart Organiku għarrfet li fir-rigward ta' li stima tal-kuntratt għandu jkun l-ammont indikat mid-Dipartiment .
   Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu laqgha ma' l-Onor. Chris Said u waqt din il-laqgha se jigi diskuss il-kuntratt ta' li skart. Is-Sur Vassallo qal ukoll li jekk ikun hemm gbir ta' li skart bieb-bieb u jitnehhew li skips kollha se tinholoq problema kbira. Minn naha l-ohra issa li l-kuntrattur li jigbor li skart ser jibda jzid it- 20% tal-hlas, il-Kunsill jista jkun qed ihallas ghal skart li jarmu nies li mhumiex residenti ta' Hal Ghaxaq. Is-Sur Abdilla qal li bid-difetti kollha li hemm certu nies jaqblu li jkun hemm li skips.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

Is-Sur Picco staqsa jekk isir gbir bieb-bieb dan x'hin l-ahjar li jsir? Is-Sinjura Agius issuggeriet li l-ahjar johorgu zewg tenders wahda ghal Skips u ohra gbir bieb-bieb.
Is-Sur Attard qal li ikun tajjeb li jigu avzati l-kazini biex dawn ikollhom skip ghalihom u l-fliexken ma jintremewx go li-skips fejn jintrema li skart domestiku.
Is-Sur Abdilla flimkien mas-Sur Picco qablu li l-ahjar isir studju fejn se jibqghu li skips u fejn se jitnehhew kif ukoll in-nies xi jsibu l-ahjar. Is-Sur Abdilla qal ukoll li it-tender johrog Part "A" Door-to-Door u Part "B" Provisions of Skips. Jekk il-Kunsill ikun jixtieq li it-trakk ikun fornut bis-sistema tad-datatrack, din il-klawsola titnizzel fit-tender biex il-kunsill ikollu id-dritt li jitlob il-moviment tat-trakk. Il-Kunsill qabel li dan is-suggett jerga jigi diskuss laqgha ohra.

E-mail mid-Direttur sabiex attivitajiet u inizjattivi jsiru aktar ko-ordinati biex ma jsirux fl-istess granet. Mid-Direttur wkoll Memo 50/2009- Mistoqsijiet Parlamentai Nru. 10564 u 10565 dwar jekk il-Kunsill irceviex fondi mill-EU u jekk hemmx applikazzjonijiet ghal fondi li huma pendenti rispettivament; Memo 51/2009 dwar il-Proċedura għall-Elezzjonijiet għall-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali; Mingħand Ms Pace informazzjoni dwar il-Premju Lokalitajiet Indaf. Memo 52/2009 dwar Skema dwar Inizjattivi Sportivi – 2010. Is-Segretarju qalet li ser tghaddi din l-applikazzjoni lis-Sur Attard minhabba li hu jiehu hsieb li Sport.

2. Mill-A.K.L. dwar il-Laqgħa Reġjun Xlokk fejn bagħatet il-Programm u l-Minuti f'dan ir- rigward. Laqgħa dwar il-ġbir ta' skart li saret fit-22 ta' Settembru, 2009, ġewwa Kunsill Lokali ta' B'Kara, fejn attenda s-Sindku; Stqarriji għall-Istampa Nru.22 u 23/2009 fuq l-aggressjoni fuq is-Sindku ta' Raħal Ġdid u l-oħra tittratta dwar Strategija favur iż-Żgħażagħ u l-Ambjent rispettivament;

3. Ittra mill-Segretarju Parlamentari Chris Said dwar Koperazzjoni ma' Kumpaniji għall-Ġbid ta' Films. E-mail oħra dwar Training Programmes għall-Kunsilli Lokali ghas-Sindki, Viċi Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi. Infurmana ukoll dwar Żjara ta' Korijiet u Orkestra organizzata miċ-Ċentru Kulturali Russu;

4. Ittra mis-Segretarjat tal-Ministeru għall-Politika Soċjali fejn intbagħatu kotba ta' nformazzjoni dwar il-liġi tal-kera għall-benefiċċju tal-pubbliku;

5. Mid-Direttorat Tagħlim Tul il-Ħajja għal laqgħa li saret fl-10 ta' Settembru, 2009, dwar impenn biex jitnaqqas l-illiteriżmu f'Malta u Għawdex. Is-Sinjura Agius attendiet ghal din il-laqgha u qalet li il-gvern ser iniedi korsijiet ghal dawk in-nies illiterati li go Hal Ghaxaq hemm 3% tar-residenti. Dawn il-korsijiet jinghataw minn ghalliema tal-Gvern u fil-hinijiet konvenjenti ghar-residenti. Is-Segretarju qalet li kienet diga saret laqgha ma' persuna ta' l-ETC fejn gie diskuss li se jinghataw korsijiet lil nies illiterrati u dawn ser isiru fil-Kunsill u jibdew fil-bidu tal-2010.

6. E-mail mingħand id-Dipartiment tas-Saħħa Primarja dwar it-Tilqima ta' l-influwenza;


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

7. Mill-M.E.P.A. dwar Applikazzjonijiet ġodda ta' żvilupp Nru. 3189/09 fi Triq G. Scicluna fejn kien hemm Micallef Stores se jitwaqqa u jerga jinbena; Nru. 3257/09 fi Triq il-Miksur biex isiru alterazzjonijiet strutturali u jsir gaaxx, u Nru. 3712/09 fi Triq il-Gudja u Triq Dun M.Mallia fejn se jinbnew postijiet kummercjali u appartamenti kif ukoll. Applikazzjoni Nru. 3233/09 fi Triq B'buġia fejn hanut se jinbidel f'ufficcju;

8. E-mail mingħand Ms C. Abela Baldacchino fuq ir-Riżultat elezzjoni sezzjoni Kunsilliera PL;

9. Ittra mingħand is-Sur John Gafa' rigward il-ħadid li hemm mdawwar mal-Monument ta' Wenzu Dalli, dan informa li dak iż-żmien li sar ix-xogħol ma' kienx fil-kumitat izda l-ittra li rcieva minghand il-Kunsill se jghaddiha lis-Sur Twanny Vella;

10. Mill-MEUSAC infurmaw li bħala contact person ser tkun Alison Camilleri rigward fondi mill-EU;

11. Mill-WasteServ fejn bagħatu iċ-ċertifikati lil minn attenda għal kors ta' '*The Training Course on Waste Management*'; Infurmawna wkoll fuq CA Sites u x'materjal jista' jintrema ġo fihom; E-mail mingħand is-Sur Peter Vella rigward it-talba li għamel il-Kunsill għal *Bring-In-Sites* taħt l-art fejn qed isir il-proġett;

12. Mill-ETC fejn infurmawna li ser ikollna persuna assenjata mal-Kunsill taħt l-Iskema ta' Xogħol fil-Komunita' u li ser tibda b'effett mill-14 ta' Settembru, 2009. Is-Segretarju qalet li fil-fatt din il-persuna bdiet tahdem il-Kunsill u qed tiehu hsieb Gnien 2000.

13. Mill-Kumitat GAL Xlokk bagħatu 4 logos differenti sabiex nindikaw il-preferenza tagħna dwar liema huwa l-aħjar, is-Sindku infurmahom li l-logo Nru. 4 hija l-għażla tagħna. Intbagħatet e-mail wkoll lis-Sur B.Formosa fejn infurmajnih li l-arranġamenti għal laqgħa li ser isir għal pubbliku saru u din ser tkun fis-6 ta' Ottubru, 2009, ġewwa s-Sala Parrokkjali. Gejna avvicinati mil-Fondazzjoni GAL Xlokk sabiex meta nkunu ser nippubblikaw il-fuljett tal-Kunsill isir artiklu bħala parti mill-promozzjoni ta' għarfien għal pubbliku dwar il-Fondazzjoni GAL Xlokk. Il-GAL infurmawna ukoll dwar kors ta' taħriġ għal membri kollha li ser iseħħ fis-7 ta' Ottubru, 2009, għal dan it-taħriġ ser jattendi s-Sindku;

14. E-mail mingħand is-Sinjura Vinceanne Zammit fejn qed tilmenta fuq Storbju f'Dawret Hal-Ghaxaq. Dwar din l-ittra is-Sur Abdilla qal li storbju ta' makkinarju ma jistax isir bejn is-2.00 u l-4.00 ta' wara nofs in-nhar.

15. Mill-Kunsill Lokali tal-Belt stedina għal *Chinese Moon Festival* li ser isir fit-28 ta' Settembru, 2009, fit-8:00 p.m. il-quddiem;

16. Mingħand il-*Malta Toursim Society* stedina għal *Study Visit Attractions & Events* li ser isir fl-24 ta' Settembru, 2009, fis-7:30 p.m., ġewwa Preluna Hotel;

17. E-mail mingħand Lilian Vassallo dwar il-*European Mobility Week 2009 – Improving City Climates*;

18. E-mail mingħand Ms Charmaine Elshout, għalliema fil-Kulleġġ San Benedittu Sekondarja Subien f'Ħal Kirkop, qed tinfurmana li bejn il-15 u 21 ta' Ottubru, 2009, ser jiġu organizzata diversi attivitajiet mal-Kunsilli Lokali peress li matul dik il-ġimgħa l-Ewropa ser torganizza *Local Democracy Week*, sabiex il-Kunsill jieħu sehem f'dawn l-attivitajiet;

19. Mill-Kunsill Lokali Żejtun fejn stieden lis-Sindku u l-Membri GAL Xlokk għal attivita'ta' Żejt iż-Żejtun fis-26 ta' Settembru, 2009, flimkien mal-programm;

20. Mill-Uffiċċju Elettorali avviż u għal Elezzjoni sabiex jinħatar il-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u wkoll lis-struzzjonijiet għas-Segretarji tal-Kunsilli Lokali w l-applikazzjoni relevanti;

21. E-mail mill-Grupp 'Katina Żgħażagħ' fejn għarrfuna li ser itellgħu l-pantomina bl-isem ta' 'Nokkla Safra' fl-10 u 11 ta' Ottubru, 2009;

22. Irċevejna kwotazzjoni għas-sejħa li l-Kunsill għamel sabiex titneħħa u terġa' titħawwel siġra li qeda fil-Bypass mingħand Carmel Galea. Din tammonta ghal €985 VAT inklusa. Ghal din il-kwotazzjoni ghalkemm hija inqas minn dik ikkwotata minn Schembri Bros. Din it-tieni sejha ghal kwotazzjoni saret wara li l-kunsill fil-laqgha li ghaddiet kien sab il-kwotazzjoni ta' Schembri Bros. gholja ghax-xoghol li kien ser isir. is-Sindku qal li hu jahseb li mhux *fair* li ma tigix accettata l-offerta ta' Schembri Bros. minhabba li din kienet l-ewwel offerta li ircieva il-Kunsill. Il-Vici Sindku issekonda lis-Sindku li tigi accettata l-offerta ta' Schembri Bros. u l-Kunsill qabel unanimament.

23. Mingħand Għaxaq FC għal ħarġa ta' l-ewwel *Newsletter* tagħhom;

24. E-mail mingħand Ms K. Hermitage ta' *Caring for Children in the Community* li ser iniedu proġett għat-tfal f'kull lokalita' u jixtiequ l-ghajnuna tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jiehu sehem f'dawn l-attivitajiet u ghaldaqstant is-Segretarju ser tikteb biex isir appuntament biex dawn l-attivitajiet jigu diskussi aktar fid-dettal.

25. E-mail mingħand l-Ispettur Raymond Aquilina tal-Vice Squad dwar il-laqgħa li normalment issir ta' kull xahar;

**Is-Sur Abdilla fis-7.00pm hareg mil-kamra fuq impenn tal-Partit Laburista.**

**<u>3.2 Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :-</u>**

a) Intbagħatu diversi e-mails biex jinstabu sponsors sabiex jingiebu Malta il-Vikings minn Frederikssund għal Karnival;

b) Infurmajna lill-Kuntratturi, dawn huma l-Ell's Urban Services Ltd. ta' l-offerta li kellna tal-Patching GhLC 02/09, lill-Schembri Bros. & Farrugia Ltd. ta' l-offerta li kellna tal-Provvista tal-Konkos GhLC 03/09 u wkoll lill-Perit Marvin Ellul ta' l-offerta li kellna ta' Works Manager GhLC 04/09 fejn ktibnilhom li l-offerti rispettivi tagħhom ġew milqugħa u iżjed tard ninfurmawhom sabiex jiġi ffirmat il-ftehim;

c) E-mail lis-Spettur Mercieca fejn qed nirraportaw bank li tkisser fil-15 ta' Settembru, 2009,fil-11:00 p.m. fi Triq il-Ħatem u wkoll dwar l-istorbju li qed ikun hemm fil-*Housing Estate* ta' Ħal Dmikki;

d) E-mail lis-Sur David Soler fejn tlabna sabiex ikun hemm gwardjan lokali għal siegħa fil-*weekends* f'Bir id-Deheb. Is-Sindku qal li waqt laqgha tal-Kumitat Kongunt gie miftiehem li zewg wardens pajzana fil-weekends ser ikunu fuq *roaster* xi drabi l-Gimgha, jew is-Sibt jew il-Hadd biex jiehdu hsieb kemm pparkjar hazin kif ukoll ir-rimi ta' kaxxi ta' l-ikel biex ma jibqax ikun hemm hmieg. Din ir-roaster ser tkun mqassma bejn Hal-Ghaxaq, Rahal Gdid u Zejtun.

## 4 **Materji Finanzjarji**

4.1.1 *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Settembru 2009 u li kienu jammontaw għal €10.45. Is-Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti w ippropona li jkunu adottati. Issekonda s-Sur Picco u l-Kunsill approvahom.

4.1.2 *Skeda ta' Ħlas – Settembru 2009*: Is-Segretarju poġġiet fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Settembru 2009 u li jammontaw għal €37,294.50.

Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressqet l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġiet sekondata mil-kunsillier Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5 **Toroq**

Is-Sinjura Agius qalet li semghet li l-Gvern ghadda l-Kunsill €40,000 biex jintuzaw ghat-toroq. Is-Sindku qal li din is-somma hija parti mill-allokazzjoni li ghadda l-Gvern lill-Kunsill u mhux somma *extra.*

Is-Sindku qal li mis-somma allokata lill-Kunsill se jipprova li jsiru partijiet ta' toroq minn nahat differenti ta' Hal Ghaxaq. Hemm certu toroq ghandhom bzonn isiru qabel ohrajn minhabba li stat taghhom.

## 6 Centru Ghall-Anzjani

Is-Sindku qal li jixtieq jitlob lill-Gvern biex jiehu l-arja ta' fuq il-hwienet sabiex jinbena ufficcju tal-Kunsill gdid li fih ikun ikopri ukoll Centru Ghall-Anzjani.

Is-Sinjura Agius staqsiet jekk dan il-post ikunx kbir bizzejjed kif ukoll ikunx accessibbli ghal kulhadd.

Is-Sur Vassallo qal li jekk dan jinbena isir lift ukoll biex ikun jista jintuza minn kulhadd.

## 7. Hal-Dmikki Housing Estate

Is-Sur Picco qal li minhabba li l-*ground* tal-*mini-pitch* dalwaqt se jkun lest se jkun hemm il-htiega li jkun hemm persuna biex tissorvelja l-area tal-madwar halli ma ssirx hsara.

Is-Sur Attard qal li l-ahjar tkun persuna bl-awtorita u li tkun ippreparata tixhed jekk jinqala xi haga. Staqsa ukoll jekk it-tfal tan-Nursery ta' Hal Ghaxaq hux se jinghataw priorita biex juzaw il-ground. Is-Sindku qal li l-ewwel jinqdew it-tfal tar-rahal u jekk ma jkunx se jintuza jigi mghoti lil tfal ohra.

Is-Sindku qal ukoll li issa jsir arlogg tad-dawl biex id-dawl li jinhela min minn juza 8il-ground ihallas u b'dawn il-flus tithallas il-persuna li tkun qeda tiehu hsieb.

## 8. Tenders

*Patching ( )* :- Is-Segretarju qalet li saret il-laqgħa ma' Ell's Urban Services Ltd. ġie miftiehem li ħofor żgħar isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Għaldaqshekk l-Offerta ta' Ell's Urban Services ġiet milqugħa wara li saret proposta mis-Sur Vassallo, sekondat mis-Sur Attard u approvata unanimament.

*Inurance I*s-Sindku qal li l-Gimgħa l-oħra, fis-1:00 p.m., għalqu l-offerti għal tiġdid tal-kuntratt ta' l-insurance. Minhabba li sal-hin ta' l-gheluq kien hemm offerta wahda l-kaxxa tat-tenders giet issigilata u nfethet waqt il-laqgha tal-Kunsill.

L-offerta minghand *Untours Insurance* infethet u gew reġistrati d-dettalji, u gew iccekjati li kien hemm r-rikjesti mitluba.

Din l-Offerta giet milqugha wara proposta tas-Sindku sekondata mil-kunsillier picco.

9. **Progett Tankijiet taz-Zejt**

Is-Sur Vassallo qal li l-Gimgha 25 ta' Settembru 2009 kellu laqgha flimkien mas-Segretarju mas-Sur Andrew Sacco, konsulent ma Falzon Group, il-kumpanija li applikat biex tghamel it-tankijiet taz-zejt f'Hal-Ghaxaq. Is-Sur Vassallo qal li dan il-konsulent gie bi proposti godda, sar bdil fil-pjanti tal-post u it-tankijiet se jkunu mirdumin go l-art. Is-Sindku staqsa jekk in-nhar tal-festi jkunx jista jibqa jinharaq mil-post minn fejn qieghed jinharaq issa. Is-Sur Sacco wiegeb li dan jista jibqa jsir.

Is-Segretarju qalet li hi talbet is-Sur Sacco jibghat il-proposti tal-kumpanija bil-miktub u il-Kunsill jara il-pozizzjoni tieghu.

10. **Suġġerimenti mill-Kunsillieri**.

a. Is-Sindku qal li hemm il-bzonn li jinxtraw 100 borża tarmak biex jimtlew toqob li hemm fi Triq ta' Loretu, Triq San Gorg u Triq il-Hareb. Il-Kunsill qabel.

b. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li napplikaw l-Enemalta ghal arlogg tad-dawl ghal ground. Il-Kunsill qabel.

c. Is-Sindku qal li hemm il-bzonn li tingieb kwotazzjoni biex isir iz-zbir tas's-sigar madwar Hal Ghaxaq. Il-Kunsill qabel.

d. Is-Sur Vassallo qal ukol li Triq tal-Qattus fejn m'hemmx asfalt hemm bzonn titnaddaf b'gaffa u trakk. Il-Kunsill qabel.

e. Is-Sindku qal li hemm bzonn issir kamera fiz-zona tal-ground il-gdid u din tkun sorveljata mill-Sterling Security biex ma jsirx vandalizmu. Is-Segretarju qalet li se tikteb lis-Sur Noel Schembri ta li Sterling biex isir ftehim mieghu. Il-Kunsill qabel.

f. Is-Sur Vassallo qal ukoll li Sqaq Bir-id-Deheb fi Triq tal-Barrani hemm il-htiega li jinghata l-konkos. Il-kunsill qabel unanimament.

g. Is-Segretarju qalet li hemm il-htiega ta' bozza fi Triq il-Fidloqqom ghax hemm hafna dlam. Is-Sindku qalla biex tikteb lill-Enemalta. Il-kunsill qabel unanimament.

h. Is-Sur Attard qal li hdejn il-gibjun hemm bicca bankina li ghanda bzonn titranga. Il-Kunsill qabel unanimament li din issir.

i. Is-Sindku qal li hemm kurduna ta' bankina fi Triq Sebastian Saliba li ghanda bzonn issir. I-Kunsill qabel unanimament.

j. Is-Sindku qal li Schembri Bros. il-kuntratturi li qeghdin jahdmu fuq il-ground tal-mini-pitch talbu li jithallsu 20% tax-xoghol li sar. Il-Kunsill qabel unanimament li dan jithallas.

k. Is-Sur Attard qal li jehtieg issir laqgha ma' tal-kazini minhabba li skips ghax dawn qed jarmu hgieg fi skips ta' li skart domestiku. Ghalhekk jigu infurmati li dawn suppost jarmu il-hgieg fil-bring-in-sites.

l. Is-Sindku qal li hemm bzonn is-servizz ta' Surveyor minhabba il-water culverts biex naraw jekk dawn jistghux isiru ahjar. Il-kunsill qabel unanimament.

m. Is-Sinjura Agius qalet li kien hemm ilment li bejn il-palm fuq Santu Rokku hemm hafna nigem. Is-Sindku qalla li ser jiehu hsieb li dan jitnehha.

n. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li ssir tabella ta' Triq tal-Qattus. Il-Kunsill qabel unanimament.

o. Is-Sur Picco qal li fuq is-sit tal-kompjuter di-ve kien hemm survey ta' Ndafa u Hal-Ghaxaq qieghed ta qabel l-ahhar ghal indafa. Qal ukoll li hemm bzonn naraw fejn qed nonqsu fl-indafa ghax il-hmieg ma jghamlilniex unur. Il-Kunsill unanimament qabel.

p. Is-Sur Picco qal li l-ahjar naraw meta ser nohorgu il-Fuljett tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-ahjar ikun bejn l-ahhar ta' Novembru u bidu ta' Dicembru. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sur Attard qal li l-ahjar induru il-hwienet, il-banek kif ukoll il-kuntratturi biex jisponsorjaw u jirriklamaw fil-fuljett.

**Aggornament**

Is-Sindku fis-8.30 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 12 ta' Ottubru 2009 fil-5.00 p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati:- it-Tnejn 12 ta' Ottubru 2009 fil 5.00pm